**Emenda 1**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi l-Artikolu 8 tat-TUE jirrikjedi li l-Unjoni Ewropea tiżviluppa "relazzjonijiet speċjali mal-pajjiżi tal-viċinat" imsejsa fuq il-"prosperità" u l-"kooperazzjoni"; billi, sal-lum, dan il-prinċipju ma kienx inkluż fl-istrateġija tan-negozjar tal-Kummissjoni;*** |

Or. en

29.9.2017 B8-0538/2

**Emenda 2**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jinsisti li l-UE la għandha tostakola u lanqas iddewwem kwalunkwe negozjati mill-Gvern tar-Renju Unit li jkollhom l-għan li jikkonkludu ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, sakemm ikun previst li tali ftehimiet jibdew japplikaw f'data wara l-aħħar ta' Marzu 2019;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 3**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3b. Jinsisti li l-UE la għandha tostakola u lanqas iddewwem kwalunkwe proposta mill-Gvern tar-Renju Unit li jkollha l-għan li ddaħħal kontrolli fuq l-immigrazzjoni ta' ċittadini tal-UE lejn ir-Renju Unit;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 4**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-ftehim ta' ħruġ għandu ***jmantni l-ġabra sħiħa ta' regoli tal-Unjoni Ewropea*** dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ***kif definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea, iżda*** huwa tal-fehma li l-proposti tar-Renju Unit imfissra fid-dokument ta' pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2017 ***mhumiex suffiċjenti f'dak ir-rigward, mhux l-anqas f'dak li jirrigwarda l-proposta li tinħoloq kategorija ġdida ta' "settled status" (status ta' persuna stabbilita) taħt il-liġi tal-immigrazzjoni tar-Renju Unit; jesprimi t-tħassib tiegħu li dawn il-proposti, il-pass kajman tal-proċess tan-negozjati u x-xenarji ta' politika żvelati dwar l-istatus futur taċ-ċittadini tal-UE qed jikkawżaw tbatija u ansjetà bla bżonn fost iċ-ċittadini tal-UE-27 li jgħixu fir-Renju Unit;*** | 5. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-ftehim ta' ħruġ għandu ***jiżgura arranġament ġust u reċiproku*** dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ***u*** huwa tal-fehma li l-proposti tar-Renju Unit imfissra fid-dokument ta' pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2017 ***huma biżżejjed***; |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 5**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Jieħu nota li d-diskors tal-Prim Ministru tar-Renju Unit tat-22 ta' Settembru 2017 ta l-impenn li jiġi żgurat li d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE-27 residenti fir-Renju Unit jingħataw effett dirett permezz tal-inkorporazzjoni tal-ftehim ta' ħruġ fid-dritt tar-Renju Unit; jissottolinja li dan għandu jsir b'mod li ma jħallix li jinbidel unilateralment, jippermetti li ċ-ċittadini tal-UE jinvokaw drittijiet skont il-ftehim ta' ħruġ direttament quddiem il-qrati u l-amministrazzjoni pubblika tar-Renju Unit, u li jagħtih supremazija fuq id-dritt tar-Renju Unit; jissottolinja li, biex ikunu ggarantiti l-koerenza u l-integrità tal-ordinament ġuridiku tal-UE, jeħtieġ li l-QtĠ tibqa' l-unika awtorità u l-awtorità kompetenti biex tinterpreta u tinforza d-dritt tal-Unjoni Ewropea u l-ftehim ta' ħruġ; jistenna proposti konkreti mir-Renju Unit f'dan ir-rigward;*** | 7. ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jemmen li tista' u għandha tinstab malajr soluzzjoni għall-kwistjoni tad-drittijiet ta' residenza reċiproċi rigward iċ-ċittadini tal-UE fir-Renju Unit u ċ-ċittadini tar-Renju Unit fl-UE-27; jenfasizza li, wara li r-Renju Unit joħroġ formalment mill-UE, tali drittijiet għandhom jiġu aġġudikati mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-ġurisdizzjoni rilevanti skont l-eżerċizzju esklussiv tad-drittijiet sovrani ta' dik il-ġurisdizzjoni u mingħajr subordinazzjoni għal dawk ta' parti terza;*** |

Or. en

29.9.2017 B8-0538/7

**Emenda 7**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jirrifjuta kwalunkwe tentattiv min-naħa tal-Kummissjoni li tinforza l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-Renju Unit, jew li din tintuża fi kwalunkwe forma ta' arbitraġġ, wara li r-Renju Unit ikun ħareġ mill-Unjoni;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

29.9.2017 B8-0538/8

**Emenda 8**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jenfasizza li n-negozjati dwar il-ħruġ m'għandhomx jintużaw bħala mandat biex jitqajmu dubji dwar is-sovranità ta' Ġibiltà, u li Ġibiltà lanqas m'għandha tintuża bħala pedina ta' negozjar għall-aċċettazzjoni ta' ftehim finali;*** |

Or. en



*Magħquda fid-diversità*

29.9.2017 B8-0538/9

**Emenda 9**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***10b. Jemmen bis-sod li trid tinstab soluzzjoni unika, effikaċi u fattibbli li tipprevjeni "twebbis" tal-fruntiera bejn Spanja u Ġibiltà;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***12a. Jinsisti li l-UE hija responsabbli għall-ispejjeż potenzjali kollha tar-rilokazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea u tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;*** |

Or. en

29.9.2017 B8-0538/11

**Emenda 11**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Jemmen li jekk in-negozjati ma jiġux konklużi sal-aħħar ta' Marzu 2019, it-taħditiet għandhom jieqfu u r-Renju Unit għandu joħroġ mingħajr ftehim; jinnota, madankollu, li f'tali eventwalità l-UE ma tibbenefika minn ebda saldu finanzjarju;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

29.9.2017 B8-0538/12

**Emenda 12**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Huwa tal-fehma li***, fir-raba' sessjoni ta' negozjati, għadu ma sarx biżżejjed progress fuq id-drittijiet taċ-ċittadini, l-Irlanda*** u ***l-Irlanda ta' Fuq***, u ***s-saldu tal-obbligi finanzjarji*** tar-Renju Unit***; jistieden lill-Kunsill Ewropew***, ***sakemm matul il-ħames fażi ta' negozjati ma ssirx qabża deċiżiva 'l quddiem fit-tliet oqsma kollha bi qbil ma' din ir-riżoluzzjoni***, biex fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru jiddeċiedi li ***jipposponi l-valutazzjoni tiegħu*** dwar jekk sarx ***progress sufficjenti***; | 15. Huwa tal-fehma li ***t-test dwar jekk sarx "biżżejjed progress" huwa idea bla sens maħsuba biex tfixkel*** u ***ddewwem in-negozjati dwar Brexit***, u ***li l-Prim Ministru*** tar-Renju Unit***, fid-diskors tagħha tat-22 ta' Settembru 2017***, ***għamlet offerta li marret oltre r-responsabbiltajiet legali u finanzjarji tar-Renju Unit; jistieden lill-Kunsill Ewropew, irrispettivament mill-progress fil-ħames fażi ta' negozjati***, biex fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru jiddeċiedi li ***jneħħi t-test kontroproduċenti u kondixxendenti*** dwar jekk sarx ***"biżżejjed progress"***; |

Or. en

**Emenda 13**
**Jonathan Arnott**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0538/2017**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
dwar il-qagħda tan-negozjati mar-Renju Unit

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***15a. Jistaqsi lill-Kummissjoni jekk għamlitx xi tħejjijiet fil-każ li ma jiġix konkluż ftehim bejn ir-Renju Unit u l-UE; jesiġi li l-Kummissjoni tippubblika, mingħajr dewmien, il-pożizzjoni tagħha dwar l-impatt potenzjali għall-UE ta' xenarju li fih ma jiġix konkluż ftehim;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità